# *Animazzjoni – It-Tnejn u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra t-Tnejn u Għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jurina li l-għażla tagħna trid tkun dejjem għażla ta' umilta' li tmur kontra s-suppervja u l-egoiżmu tagħna, għalhekk filwaqt li nilqu l-istedina ta' Ġesù waqt din l-Ewkaristija, nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fl-ewwel qari naraw li l-bniedem għaqli jrid jagħraf ix-xejn tiegħu, fl-Ittra lil Lhud imbgħad għadna sejħa għal parteċipazzjoni ħajja fil-liturġija, fl-evanġelju illum Ġesù jurina l-importanza tal-umilta' fil-ħajja tan-Nisrani. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** O Alla, int ħejjejt dar għall-fqajjar.

**Offertorju:**

Kristu ċekken lilu nnifsu u f'dan l-ispirtu offra lilu nnifsu għalina bħala vittma fuq is-salib. Waqt li nilqgħu l-offerti biex inġeddu dan is-sagriffiċju, inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

Issa se nirċievu lil Ġesù ġo fina, ejjew illum nitolbu lil Ġesù biex itina d-don tal-umilta' f'ħajjitna. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.